MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Peter Grima, iben Joseph,
imwieled Pieta' fl-1 ta'
settembru, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn il5 u is-6 ta' jannar, 2003 ikkometta serq ta' magni u oġġetti oħra mill-ħanut bl-isem 'Top Quality Butcher', Triq san Pawl, San Pawl il-Baħar għad-dannu ta' Joseph Bartolo minn Ħal-Qormi liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor,

mobbli jew immobbli, għad-dannu ta’ l-istess Jason Abela, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma tiskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement laqa’ għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt liri maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------